# Santa Venera 100 Sena Fostna

**Clive Mallia**

Il-Vara ta' Santa Venera waslet fir-raħal tagħna ftit taż-żmien wara li Malta kienet għaddiet mit-taqlib tal-qawmien tal-poplu f'dak li baqa' jissejjaħ bħala s-*Sette Giugno*. Kien fil-bidu ta' Lulju tas-sena 1919, eżatt 100 sena ilu, meta din il-vara ttellgħet bil-mixi minn Ħal Qormi u tpoġġiet ġo maħżen fi Triq Ħal Qormi. Minn hemm ittieħdet bil-banda sal-Knisja l-Qadima li sena qabel kienet għadha kemm saret Parroċċa. Il-vara kien ħadimha l-istatwarju Qormi Karmenu Mallia mlaqqam '*Il-Lhudi*' u kienet tħallset mill-benefattur Vendriż Tumas Dalli.

Biex il-vara setgħet tinħareġ proċessjonalment kien ingħata b'rigal



*Ritratt antik tal-istatwa titulari armata fil-Knisja Matriċi*



*L-Istatwa Titulari ta' Santa Venera qabel l-ewwel restawr*

pedestall, bradella u bankun mill-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

Fil-bidu din il-vara kien iżommha fid-dar tiegħu Tumas Dalli sakemm ftit tas-snin wara saritilha niċċa fil-knisja, u minn dakinhar matul is-sena bdiet titħalla fin-niċċa għall-qima tal-poplu Vendriż.

Jidher li madwar 40 sena wara li żżanżnet din il-vara, wieħed mill-patrijiet kien għamel xi xogħol ta' żebgħa fuqha fejn iffriskalha il-karnaġġjon u bidel xi ftit il-kuluri tal-libsa.

Fil-1971 inxtrat bradella u bankun ġdid mill-Ħamrun u dawn kienu modifikati biex il-vara bdiet tintrama fuqhom.

Fil-1984 il-pittur Manuel Zammit miż-Żejtun kien ħa l-vara għandu biex żebagħha mill-ġdid u bidel kompletament il-kuluri tagħha. Kienu sarulha wkoll kuruna, palma u raġġiera ġodda mill-arġentir Żejtuni Tarċisio Cassar.

Fil-1985 ġie indurat mill-ġdid il-pedestall tal-vara mill-induratur Publius Magro mill-Floriana.

Fil-1986 saru sett ta' erba' fjuretti u girlanda tal-Ganutell mis-sinjura Grace Sciberras mill-Qrendi.



*L-Istatwa Titulari quddiem il-Knisja Parrokkjali, waqt li bdiet tinbena*



*L-Istatwa Titulari quddiem il-maħżen tal-armar*



*L-Istatwa ta' Santa Venera waqt id-dħul tal-Purċissjoni, fil-Knisja Matriċi*

Fil-2005 il-vara kienet trasferita solenniment mill-Knisja l-Qadima għall-Knisja Parrokkjali l-ġdida fejn iddaħħlet fin-niċċa l-ġdida tagħha.

Fil-2016 il-vara ttieħdet għand l-istatwarji Alfred u Aron Camilleri Cauchi biex sarilha xogħol ta' restawr fuq l-intern tagħha u wara ngħatat iż-żebgħa tal-karnaġġjon mill-ġdid.

Fil-2017 il-vara ttieħdet għal sena sħiħa għand l-Induraturi Horace u Kevin Farrugia ġewwa l-Imdina fejn sar xogħol ta' induratura ġdida li biddel kompletament id-dehra tal-vara. Wara li l-vara kienet imbierka mill-ġdid quddiem il-Knisja l-Qadima, ittieħdet bil-banda għall-knisja parrokkjali.

Fl-2018 waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa, il-Vara ddaħħlet fil-Knisja l-Qadima wara 13-il sena li kien ilha li ħarġet minn din il-knisja.



*Mument storiku tal-istatwa Titulari quddiem il-Bieb tal-Imdina*



*Mumenti mill-Purċissjoni fl-għeluq il-Mitt Sena Parroċċa, l-istatwa tistkenn fi 'drive-in' ħabba t-temp ħażin waqt il-Purċissjoni*

